Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 846/1996/1

**Nazzareno Fenech**

**v.**

**Mada Developers Limited; Golden Panther Limited; Alsan Enterprises Limited; B.D. Limited; u Modern Design Properties Limited;**
**u b'nota tal-25 ta' Mejju, 2004, Polidano Holdings Limited**
**assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok is-socjetajiet konvenuti**
**Alsan Enterprises Limited u B.D. Limited stante l-akkwist da parti tas-socjeta` minghand l-imsemmija socjetajiet konvenuti**

**tas-sehem indiviz li huma kienu jipposjedu minn parti ta' l-art meritu tal-kawza odjerna.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni, l-attur wara li ippremetta illi:

(I) huwa proprjetarju ta' bicca art ta' kejl ta' cirka erbat elef mija disgha u ghoxin punt sitta metri kwadri (4429.6mk) maghrufa bhala "Ta' Zachmar" limiti ta' Marsaxlokk u konfinanti mil-Lbic ma' triq gdida bla isem b'access mit-Triq tas-Silg, mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Golden Panther Ltd. jew successuri taghha u mix-Xlokk ma' proprjeta` ta' Mada Developers Ltd. jew irjieh ohra verjuri kif tidher ahjar mill-pjanta annessa;

(II) illi hu u l-processuri tieghu ilhom jipposjedu "animo domini" din l-imsemmija art ghal aktar minn sebghin (70) sena u dan b'mod kontinwu, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u ghalhekk ghaddiet favur l-attur b'uzukapjoni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

(III) illi l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom xi titolu fuq din l-istess art, u anke resqu ghal diversi atti pubblici li permezz taghhom xtraw u bieghu bicciet mill-art fuq imsemmija;

talab lil Prim Awla tal-Qorti Civili tiddikjara li huwa proprjetarju tal-bicca art ta' kejl ta' cirka erbat elef erba' mija disgha u ghoxrin punt sitta metri kwadri (4429.6mk) maghrufa bhala "Ta' Zachmar" limiti ta' Marsaxlokk u konfinanti mil-Lbic ma' triq gdida bla isem b'access mit-Triq tas-Silg, mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Golden Panther Ltd. jew successuri taghha u mix-Xlokk ma' proprjeta` ta' Mada Developers Ltd. jew irjieh ohra verjuri u dan b'titolu ta' uzukapjoni; bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. B'nota ta' eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti kollha dawn eccepew illi:

(1) it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili; u

(2) bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-attur akkwista l-proprjeta` ta' l-art in kwistjoni b'titolu ta' usucapione.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fit-30 ta' Marzu, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet din il-kawza billi laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

4. L-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament gust u ekwu tal-fatti u tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi skond l-appellant l-fatti li taw lok ghal din il-kawza fil-qosor huma s-segwenti:

(1) L-attur, u missieru qablu, jipposjedi l-art indikata u deskritta fil-korp tac-citazzjoni.

(2) L-attur u missieru ilhom fil-pussess ta' din l-art ghal aktar minn sebghin (70) sena u tul dan iz-zmien qatt ma hallsu qbiela ghal din l-art.

(3) Xi snin ilu saru jafu li l-konvenuti jew min minnhom qed jippretendu li l-art in kwistjoni issa hija taghhom ghax akkwistawha permezz ta' diversi atti pubblici.

(4) Ghalhekk saret din il-kawza sabiex l-attur jigi dikjarat proprjetarju ta' l-art de quo.

L-attur iddikjara li huwa sar proprjetarju ta’ din l-art bid-dekors ta’ zmien u konsegwenti uzukapjoni.

Skond l-appellant huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li “l-preskrizzjoni akkwizittiva trigenarja, ma tirrikjedix la titolu u lanqas buona fede u ghalhekk bis-semplici pussess legittimu ta’ tletin sena l-possessur tal-haga jakkwista l-proprjeta` ta’ l-istess haga posseduta minnu” (Caruana vs Vella XXXVII.I.105).

Skond l-appellant huwa pacifiku wkoll li ghall-effikacja taghha bhala akwizittiva din il-preskrizzjoni tirrikjedi zewg elementi, wiehed materjali – il-poter ta’ fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali – l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien il-proprjetarju (Caruana vs Vella supra; ara wkoll Azzopardi vs Farrugia XLVI.I.381 u Agius vs Agius XLIII.II.688).

Dejjem skond l-appellant fil-kaz in ezami l-attur, li ghandu tmenin sena, u missieru qablu, dejjem kellu pussess ta’ l-art in kwistjoni.  Hu xehed ukoll li qatt ma hallas qbiela taghha jew gie mitlub xi qbiela fuq din l-art.

F’dan ir-rigward ghandha ssir enfasi b’mod partikolari fuq ix-xhieda ta’ Patri Bonnici u dan stante li l-konvenuti qed jallegaw li huma akkwistaw l-art in kwistjoni minghand il-Patrijiet Agostinjani u l-art li akkwistaw kienet okkupata mill-attur b’titolu ta’ qbiela.  Pero` x-xhud Patri Bonnici qatt ma qal li hu kien jircievi qbiela minghand Nazzareno Fenech jew li kellu xi dokumenti li juru li Nazzareno Fenech suppost kien ihallas qbiela fuq l-art ta’ Zachmar.

L-appellant jikkontendi li fil-fatt Patri Bonnici, fl-affidavit tieghu, meta semma l-gabillotti li minghandhom kien jircievi qbiela dwar l-art ta’ Zachmar irrefera ghal Amabile Fenech u Annunzjato Baldacchino.  L-istess Patri Bonnici esebixxa dokumenti li juru li l-qbiela li kienu jircievu l-Patrijiet Agostinjani minghand Nazzareno Fenech kienet ghall-art tal-Ballut.

Dawn id-dokumenti jaqblu, skond l-appellant, mad-dokumenti esebiti mill-Avukat Dr. Libreri ma’ l-affidavit

tieghu u partikolarment Dok AL2. F'dan id-dokument inkwilini fl-art ta' Zachmar jissemmew biss Amabile Fenech u Annunziato Baldacchino. Hija b'referenza ghall-art tal-Ballut li jissemma Nazzareno Fenech bhala inkwilin.

Di piu` d-dokument AC1 prezentat minn Anthony Cassar jirreferi ghal hlas ta' Lm31.00 (wiehed u tletin lira) qbiela minn Nazzareno Fenech ghall-art tal-Ballut.

Ghalhekk anke d-dokumenti juru li Nazzareno Fenech kien ihallas qbiela biss ghall-art tal-Ballut.

Skond l-appellant, persuna li xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment ta' Agrikoltura huwa l-unika persuna li jsemmi hlas ta' qbiela fir-rigward ta' l-art ta' Zachmar minn Nazzareno Fenech, pero` dan ix-xhud ma jistax jitqies bhala wiehed attendibbli. Dan ix-xhud qal li mir-records taghhom jirrizulta li l-art in kwistjoni (li huwa sejhilha ta' Chin China u mhux ta' Zachmar) hija proprjeta` tal-Patrijiet Agostinjani u hija mqabbla lil Nazzareno Fenech. Ma ngiebitx prova konkreta ta' kif waslu ghal din l-informazzjoni li ghalhekk ghandha titqies bhala biss supposizzjoni, u dan ghal diversi ragunijiet.

Fl-ewwel lok din ix-xiehda hija, skond l-appellant, kontradittorja ghall-ahhar ma' dik ta' Patri Bonnici – li zgur huwa l-persuna li ghandha tinghata l-aktar kredibilita` jekk xejn ghaliex hu l-allegat sid – u dan jghid li hu qatt ma rceva qbiela minghand l-attur, lanqas ma jirrizulta li Fenech kellu jhallas qbiela.

Oltre dan huwa risaput li l-ezercizzju li jsir mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fir-rigward tal-gabillotti huwa li jirregistraw il-persuni li jahdmu l-artijiet ta' Malta – dan id-Dipartiment mhux dak indikat biex jaghti xi informazzjoni dwar min ghandu titolu fuq proprjetajiet u x'inhu dan it-titolu. Dan huwa kompitu ta' awtoritajiet ohra.

Skond l-appellant mill-kumpless tal-provi zgur jirrizulta li hu ilu ghexieren ta' snin jipposjedi l-art ta' Zachmar b'mod legittimu u kif tirrikjedi l-ligi. Jirrizulta li Nazzareno Fenech kien jipposjedi din l-art bil-konvinzjoni li hija tieghu u qablu

ta' missieru u dan mill-bidu nett tal-pussess taghhom ta' din l-art.

Ghalhekk jirrizulta li r-rekwiziti tal-ligi dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva gew sodisfatti u konsegwentement l-attur ghandu jigi dikjarat proprjetarju ta' l-art in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fit-30 ta' Marzu, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

5. Ma jirrizultax mill-atti li l-konvenuti appellati wiegbu in iskritt ghar-rikors ta' appell. L-appell giet trattat mill-partijiet.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-attur appellant talab dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li huwa kien il-proprjetarju tal-bicca art ta' kejl ta' cirka erbat elef erba' mija u disgha u ghoxrin punt sitta metri kwadri (4429.6mk), maghrufa bhala "Ta' Zachmar", limiti ta' Marsaxlokk, konfinanti mil-Lbic ma' triq gdida bla isem b'access mit-Triq tas-Silg, mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Golden Panther Ltd, jew successuri taghha fit-titolu, u mix-Xlokk ma' proprjeta` ta' Mada Developers Ltd, skond pjanta anness fl-atti tal-kawza. L-attur, u qablu missieru, ilhom jippossjedu <u>animo domini</u> din l-art, jallega l-appellant, ghal aktar minn sebghin (70) sena u dan b'mod kontinwu, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u ghalhekk l-imsemmija art ghaddiet favur l-attur b'uzukapjoni.

7. L-ewwel Qorti iddecidiet li l-attur ma ippruvax li hu tassew kien jiddetjeni l-art b'uzukapjoni, billi gie minflok ippruvat li hu kien biss il-bidwi u li kien ihallas qbiela dwarha, u dan ukoll in forza ta' l-Artikolu 2118 tal-Kap. 16 li jghid li ,
"Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u,

generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom."

8. L-aggravju ta' l-attur hu li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament gust u ekwu tal-fatti u tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami.

9. L-attur jenfasizza l-fatt li hu, u qablu missieru, dejjem kellhom il-pussess ta' din l-art u li qatt ma hallsu qbiela fuqha u lanqas ma gew mitluba jaghmlu dan. Patri Gulju Bonnici, l-ekonomu tal-Patrijiet Agostinjani qatt ma qal li hu kien jircievi qbiela minghand l-attur jew gab xi prova dokumentali in sostenn. Id-dokumenti murija minn Patri Bonnici kienu invece jirreferu ghal bicca art ohra, jigifieri ghall-art tal-Ballut, u mhux l-art ta' Zachmar. Hu jirreferi wkoll ghal dokumenti li gew esebiti mill-avukat Albert Libreri u partikolarment ghal Dok AL2 (fol 72 tal-process), fejn jissemmew biss bhala l-inkwilini ta' l-art ta' Zachmar, Amabile Fenech u Annunziato Baldacchino. Id-dokument AC1, imbaghad,ipprezentat minn Anthony Cassar jirreferi wkoll, ghall-art tal-Ballut. Ix-xhud li deher ghad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li ghamel konnessjoni diretta bejn l-attur u l-art ta' Zachmar, fis-sens li l-attur kien registrat bhala l-gabillott filwaqt li l-art kienet tal-Patrijiet Agostinjani ma kienx xhud attendibbli, ghax ix-xiehda tieghu mhux sorretta bi provi konkreti. Dejjem skond l-attur, kien hemm provi sufficjenti biex it-talba tieghu tigi akkolta.

10. Mis-suespost jemergi kjarament li l-attur jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-preskrizzjoni akkwizittiva trigenarja, jew il-pussess minnu u minn missieru tar-raba ta' Zachmar, kif fuq deskritt, ghaz-zmien ta' mill-anqas sebghin (70) sena.

"Di diritto" ghandu jinghad li din ix-xorta ta' preskrizzjoni trigenarja, ma tirrikjedi la titolu u lanqas "buona fede". Dan ifisser li bis-semplici pussess legittimu ta' tletin (30) sena, il-possessur tal-haga jakkwista l-proprjeta` tal-haga posseduta minnu. B'dan il-mod tali possessur jakkwista allura l-azzjoni biex jirrivendika dik il-haga kontra

kwalunkwe persuna, anki kontra l-istess proprjetarju taghha precedenti.

11. Premess is-suespost, ghal fini ta' effikacja ta' azzjoni bhal dik ezercitata mill-attur, biex jigi radikat l-element ta' akkwizittiva, din ix-xorta ta' preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf inoltre li l-elementi tal-pussess civili f'dan il-kaz, huma tnejn: dak materjali, igifieri l-poter ta' fatt fuq il-haga; u l-iehor intenzjonali, igifieri l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien il-proprjetarju taghha. Dan ifisser mela li ma jikkostitwixxix pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew iehor minn dawn iz-zewg elementi. Fi kliem iehor, mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha li ma tkunx ezercitata bhala haga proprja imma biss bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun merament detenzjoni jew tgawdija prekarja. Hemm bzonn inoltre li l-pussess ikun wiehed legittimu u kwindi tali li jipproduci l-effetti guridici tieghu, specjalment ghall-akkwist tal-proprjeta` bid-dekorriment taz-zmien. Biex il-pussess jista' jissejjah legittimu pero`, hemm bzonn li dan jirriunixxi u jhaddan fih certi kwalitajiet, igifieri li jkun wiehed kontinwu, mhux interrott, pubbliku, u mhux ekwivoku (ara wkoll decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Carmelo Caruana et –vs– Orsla Vella moghtija fit-13 ta' Marzu, 1953).

12. Stabbiliti l-principji generali kif fuq esposti, principji dawn li huma komunement maghrufa sew fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza u dottrina legali in materja, jirrizulta li bhala fatt tassew gie ippruvat da parti ta' l-attur li l-art "ta' Zachmar" kif fuq deskritta, kienet ghal zmien ta' ferm aktar minn tletin (30) sena fil-pussess tieghu u ta' missieru. Jista` pero` jinghad ukoll f'dan il-kaz li kien hemm prezenti da parti tal-possident l-element intenzjonali rikjest mil-ligi?

13. Fost id-dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti mill-parti konvenuta appellata, hemm esibita fotokopja awtentikata ta' ittra mibghuta mill-avukat George A. de Gaetano (ara Dok. AC1, fol. 86 tal-process) in data tat-22 ta' Mejju, 1974, f'isem l-attur Nazzareno Fenech relativa ghall-ghalqa maghrufa ta' Zachmar sive ta' l-Imsawwab,

tal-Ballut, limiti ta' Marsaxlokk, mibghuta lis-socjeta` Marsovin Limited, akkwirenti ta' l-imsemmija immobbli, kontenenti dina l-ittra riferenza carissima ghall-kiri taghha da parti ta' l-attur. Din l-ittra legali hija redatta fis-sens li l-akkwirenti kienu qeghdin jigu infurmati li l-gabbillott ta' l-ghalqa ta' Zachmar kien l-attur odjern u li dan kien qieghed jistaqsiha hijiex lesta li taccetta l-hlas tal-qbiela dovut fuq din l-ghalqa minghandu, kemm-il darba s-socjeta` surreferita kienet is-sid ta' l-ghalqa. Fi kliem iehor, ghalkemm l-attur appellant kien jidher incert dwar min hu sewwa sew proprjetarju ta' din l-ghalqa, fl-istess waqt huwa deher cert minnu nnifsu li l-pussess ta' l-ghalqa da parti tieghu kien biss bhala gabillott, jigifieri b'titolu ta' kera, jew kif inhi komunement imsejha, bi qbiela.

14. Fir-rikors ta' appell tieghu, l-attur appellant ried jaghti x'wiehed jifhem li d-dokumenti (i.e. korrispondenza mil-legali tieghu u xiehda f'kawza quddiem il-Bord tal-Qbiela) kienu jirreferu ghal raba iehor adjacenti u mhux dak in kwistjoni, imma l-provi mhux hekk jindikaw. Bizzejjed isir accenn ghad-deposizzjoni ta' l-attur in kontro-ezami in data tas-27 ta' April, 1999 (fol. 112 et seq. tal-process) quddiem l-Imhallef Supplenti mnejn ghandu jirrizulta li dan mhux minnu. Veru li l-attur, meta xehed, kien gia` bniedem anzjan u hu ipprova jiddistingwi bejn l-ghalqa ta' Zachmar minn raba iehor izda meta gie biex jispjega l-ittra surreferita mibghuta f'ismu mill-avukat de Gaetano u c-cirkostanzi dwarha, l-attur gharaf ikun evaziv ghall-ahhar. Hekk per ezempju (ara fol. 115 – 116), fejn jghid:
"Mistoqsi jekk kellix ukoll bhala avukat lil Dott. George Degeatano nghid li ma ghandix idea li kelli wkoll lil dan l-avukat.

Mistoqsi jekk barra l-art 'tal-Ballut' kienx hemm ukoll kawza ohra fl-istess zmienijiet dwar l-art 'ta' Zachmar' li minnha wkoll riedu jaqilghuni minn gabillott, inwiegeb li m'ghandix idea…."
(sottolinear tal-Qorti)

Meta xiehda ta' din ix-xorta tigi konfrontata ma' l-ittra – Dok AC1, a fol. 86 tal-process – mibghuta f'isem l-attur, mill-avukat De Gaetano, il-probabbilita` hi li l-attur qieghed, konvenjentment ghalih, 'jinsa' jew jevadi t-twegiba vera. Bl-istess mod il-verbal dwar deposizzjoni ta' l-attur fil-kors access mizmum fis-27 ta' Ottubru, 1969 (Dok AL1, fol. 71) f'kawza ohra, juri wkoll sufficjentment li anke f'dik l-okkazzjoni l-attur kien biss jippretendi li hu kien jikri l-ghalqa minghand il-Patrijiet Agostinjani u xejn aktar minn daqstant. Fil-fatt, fl-istess kontro-ezami surreferit (fol. 116 tal-process), l-attur ikompli hekk:
"Mistoqsi jekk l-art ta' Zachmar hemmx xi parti minnha li hija tal-Patrijiet inwiegeb : 'Mhux kollha tal-Patrijiet. Infakkar li missieri kien jghidli li qatt ma hareg flus tal-qbiela."

15. Minbarra s-suespost jirrizulta wkoll sufficjentement li din l-ghalqa "ta' Zachmar" dejjem kienet tappartjeni lill-Patrijiet Agostinjani. Di fatti Patri Giulio Bonnici bhala prokuratur lokali ta' l-Ordni, xehed f'dan is-sens u mar lura sas-sena 1762 (ara Dok. MD1, fol.65). Huwa minnu, kif gie sottomess mill-appellant, li Patri Bonnici ma gab ebda dokument biex juri li l-attur kien effettivament ihallas il-qbiela imma b'daqshekk la jfisser li l-Patrijiet Agostinjani ma kienux huma proprjetarji wkoll ta' l-ghalqa ta' Zachmar u lanqas li l-attur ma kienx fil-fatt il-gabillott taghha. Hemm in fatti xiehda ohra, bhal dik moghtija minn Alfred Farrugia, agricultural officer fid-Dipartiment ta' l-Agrikolutra (Registration Office) li xehed (ara fol. 123 et seq.) li r-raba f'dawk l-akkwati fejn kienet tinsab l-ghalqa ta' Zachmar "huwa kollu ta' St. Augustine Convent, Valletta bhala proprjetarji". Oltre dan, dan ix-xhud jghid ukoll li minn "records" tad-Dipartiment, dan ir-raba "ta' Zachmar" kien ukoll maghruf bhala "Chin China" u "l-bidwi ta' din l-art partikolari huwa Nazzareno Fenech". Ghalkemm l-attur jaghmel minn kollox biex jipprova jiskredita lid-deposizzjoni moghtija minn dan l-ufficjal governattiv – xhud newtrali, ghalkemm prodott mill-parti konvenuta – fl-istess waqt lanqas biss jirrizulta li l-attur hass il-bzonn li jikkontroezaminah. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li mill-istess deposizzjoni jirrizulta wkoll li dan

ix-xhud immotiva l-informazzjoni tieghu in gustifikazzjoni ta' dak li d-Dipartiment tieghu kellu registrat b'dan il-mod (ara fol. 124),
"Il-bidwi ta' din l-art partikolari huwa Nazzareno Fenech. Meta sar ic-censiment, l-ufficjali taghna kienu ltaqghu mal-bdiewa u marru fuq il-post u l-bdiewa indikawlhom liema hu taghhom u meta staqsewhom min hu s-sid bil-vuci haduha minghandhom."

Huwa veru li meta rega' xehed dan ix-xhud fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1999, huwa jghid li proprjament l-isem 'ta' Zachmar' ma kienx imnizzel fir-Registru tad-Dipartiment izda anke dwar dan in-nuqqas jelabora hekk (fol. 129):
"Hafna drabi dawn ikunu laqam (recte laqmijiet) li jaghtuhom il-bdiewa stess u mhux kif ikunu fuq ir-records taghna."

Kwalunkwe dubbju, pero`, gie rizolt wara n-nomina ta' l-AIC David Pace bhala espert tekniku biex dan jikkostata jekk l-art indikata fuq il-pjanta a fol. 126 tal-process esebita minn Alfred Farrugia hijiex l-istess art mertu tal-kawza u l-Perit Gudizzjarju ikkonferma li kien hekk, u dan wara li l-istess raba giet indikata mill-istess attur fl-access mizmum fid-19 ta' Ottubru, 1999 (ara r-rapport tal-Perit Parce a fol. 136 *et seq*.)

16. Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod twiezen ghal darb'ohra deposizzjonijiet ohrajn moghtija minn Anthony Cassar u Emanuel Zammit, fost ohrajn, mnejn jirrizulta kjarament li f'ebda mument ma kien hemm xi pretensjoni da parti ta' l-attur li l-pussess ta' l-ghalqa min-naha tieghu kienu *uti dominus*. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-evalwazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad tad-diversi deposizzjonijiet li gew moghtija kienet wahda korretta, u hija tikkondividiha pjenament. L-attur ma jirnexxilux igib il-prova li hu kien qed jiddetjeni r-raba *de quo* bl-intenzjoni li ssir tieghu maz-zmien imma biss bhala gabillott b'titolu ta' qbiela. Fi kliem iehor, il-prova rikjesta mil-ligi u li kienet tispetta lill-attur appellant ma tirrizultax.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-aggravji ta’ l-attur appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu konsegwentement respinti.

Tiddeciedi ghalhekk billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta’ l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------